# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

14 ta' Ġunju 2011 *

Fil-Kawża C-360/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Amtsgericht Bonn (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Awwissu 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Settembru 2009, fil-proċedura

**Pfleiderer AG**

vs

**Bundeskartellamt,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Ewwel Awla, li qed jaġixxi bħala President, J.N. Cunha Rodrigues, K. Lenaerts, J.-C. Bonichot, Presidenti ta' Awla, E. Juhász (Relatur), G. Arestis, A. Borg Barthet, M. Ilešič, J. Malenovský, L. Bay Larsen u T. von Danwitz, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Settembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Pfleiderer AG, minn T. Kapp, M. Schrödl u M. Kuhlenkamp, avukati,

— għal Munksjö Paper GmbH, minn H. Meyer-Lindemann, avukat,

— għal Arjo Wiggins Deutschland GmbH, minn R. Polley u S. Heinz, avukati, kif ukoll minn O. Ban, bħala rappreżentant *ad litem*,

— għal Felix Schoeller Holding GmbH & Co. KG u Technocell Dekor GmbH & Co. KG, minn T. Mäger u D. Zimmer, avukati,

— għal Interprint GmbH & Co. KG, minn T. Veltins, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma, J. Möller u C. Blaschke, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux, bħala aġent,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u T. Müller, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, minn J. Rodríguez Cárcamo, bħala aġent,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn F. Arena, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Ċiprijott, minn D. Kallí, bħala aġent,

— għall-Gvern Olandiż, minn Y. de Vries, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn V. Di Bucci, P. Costa de Oliveira u A. Antoniadis, bħala aġenti,

— għall-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA, minn X. Lewis u M. Schneider, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2010,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] (Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 08 Vol. 02 p. 205), kif ukoll tal-Artikolu 10(2) KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(1)(g) KE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Pfleiderer AG (iktar 'il quddiem "Pfleiderer") u l-Bundeskartellamt (awtorità tal-kompetizzjoni Ġermaniża), dwar talba għal aċċess sħiħ għall-fajl li jirrigwarda proċedura ta' impożizzjoni ta' multa wara akkordju fis-settur tal-karti dekorattivi. Pfleiderer, klijenta tal-impriżi ssanzjonati, tressaq din it-talba għal aċċess, li tikkonċerna wkoll id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' klemenza, sabiex tipprepara kawża ċivili għad-danni.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

3 L-ewwel frażi tal-premessa 1 tar-Regolament Nru 1/2003 tipprovdi:

"Sabiex jistabbilixxi sistema li tiżgura li l-kompetizzjoni fis-suq komuni ma tiġix distorta, l-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] irridu jiġu applikati effetivament u b'mod uniformi fil-Komunità."

4 L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1/2003, intitolat "Koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri" huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Komunità f'koperazzjoni qariba.

2. Il-Kummissjoni ħa tittrażmetti lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri kopji tad-dokumenti l-aktar importanti miġbura bl-għan li japplikaw l-Artikoli 7, 8, 9, 10 u l-Artikoli 29(1). Mat-talba ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni tipprovdiha b'kopji ta' dokumenti eżistenti u neċessarji oħra għall-istima tal-każ.

3. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri ħa ikollhom, meta jagixxu taħt l-Artikolu 81 [KE] jew l-Artikolu 82 [KE], tinforma il-Kummissjoni bil-kitba qabel u mingħajr l-ebda telf ta' ħin wara il-bidu ta' l-ewwel miżuri formali investigattivi. Din l-informazzjoni tista tiġi mqegħda għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' Stati Membri oħra.

4. Mhux aktar tard min 30 ġurnata qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tirrikjedi li ksur jinġab fit-temm, aċċetazzjoni ta' rbit jew irtirar tal-benefiċju ta' l-eżenzjoni ġenerali tar-Regolament, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri ħa tinforma il-Kummissjoni. Għal dak il-għan, ħa jipprovdu l-Kummissjoni b'summarju fuq il-każ, id-deċiżjoni maħsuba jew, fl-assenza ta' dan, kwalunkwe dokumenti oħra li jindikaw x'azzjoni ħa tiġi meħuda. Din l-informazzjoni tista' tiġi mqegħda għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' Stati Membri oħra. Mat-talba tal-Kummissjoni, l-awtorità tal-kompetizzjoni li qed taggixxi ħa tqiegħed għad-disposizzjoni tal-Kummissjoni dokumenti oħra li huma neċessarji għall-istima tal-każ. L-informazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni tista' tiġi mqegħda għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra. Awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali jistgħu ukoll jiskambjaw informazzjoni neċessarja bejniethom għall-istima ta' każ li qed jinnegozjawh taħt l-Artikolu 81 [KE] jew l-Artikolu 82 [KE].

5. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri jistgħu jikkonsultaw lil Kummissjoni fuq xi każ li jinvolvi l-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunità.

[…]"

5 L-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1/2003, li jirregola l-iskambju ta' informazzjoni, jipprovdi:

"1. Bil-għan li jiġu applikati l-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri ħa jkollhom s-setgħa li jipprovdu lil xulxin u jużaw bħala evidenza kwalunkwe fatt jew liġi, incluż informazzjoni konfidenzali.

2. L-informazzjoni skambjata ħa tintuża biss bħala evidenza għall-għan li jiġi applikat ta' l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 82 [KE] u b'rispett għas-suġġett li għalih inġabar mil-awtorità trasmettenti. Madankollu, fejn liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni hi applikata fl-istess każ u paralel mal-liġi tal-kompetizzjoni Komunità u ma twassalx għar-riżultat differenti, informazzjoni skambjata taħt dan l-Artikolu jista jiġi intużat għall-applikazzjoni ta' liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni.

3. Informazzjoni skambjata skond paragrafu 1 tista' tiġi intużata biss bħala evidenza biex jiġu imposti sanzjonijiet fuq persuni naturali fejn:

— il-liġi ta' l-awtorità trasmettenti tipprevedi sanzjonijiet ta' tip simili f'relazzjoni għal ksur ta' l-Artikolu 81 [KE] jew l-Artikolu 82 [KE] jew, fl-assenza tiegħu,

— l-informazzjoni ġiet miġbura b'mod li tirrispetta l-istess livell ta' protezzjoni tad-dritt għad-difiża tal-persuni naturali kif prevista taħt ir-regoli nazzjonali ta' l-awtorità riċevitriċi. Madankollu, f'dan il-każ, l-informazzjoni skambjata ma tistax tiġi użata mil-awtorità riċevitriċi biex timponi sanzjonijiet kustodjali."

6 L-Artikolu 35(1) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprevedi:

"L-Istati Membri ħa jinominaw l-awtorità jew l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni responsabbli għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 [KE] u 82 [KE] b'tali mod li id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma effettivament imħarsa. Il-miżuri neċessarji biex tagħti poter lill-awtoritajiet li japplikaw dawk l-Artikolu għandhom jittieħdu qabel 1 Mejju 2004. L-awtoritajiet nominati jistgħu jinkludu qrati."

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

7 L-Artikolu 406e tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (Strafprozessordnung) huwa fformulat kif ġejt:

"(1) F'isem il-vittma, avukat jista' jikkonsulta, l-atti li huma ppreżentati lill-qorti jew li għandhom jitressqulha fil-każ ta' eżerċizzju tal-azzjoni pubblika, u jista' jeżamina l-provi maqbuda, sa fejn il-vittma turi interess leġittimu għal dan. Fil-każijiet previsti fl-Artikolu 395, ma hemm l-ebda ħtieġa li jiġi stabbilit interess leġittimu.

(2) L-aċċess għall-atti għandu jiġi rrifjutat, sa fejn l-interessi leġittimi imperattivi tal-akkużat jew ta' persuni oħra jipprekluduh. Dan jista' jiġi rrifjutat meta l-għan tal-investigazzjoni anki fi proċeduri kriminali oħra jidher li qed jiġi kompromess jew jekk dan iwassal għal dewmien kunsiderevoli tal-proċeduri.

(3) Fuq talba tiegħu, l-avukat jista' jiġi awtorizzat jieħu l-atti fl-uffiċċju jew fid-dar tiegħu, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet serji li jopponu dan u bl-esklużjoni tal-provi. Id-deċiżjoni ma tistax tiġi kkontestata.

(4) L-għoti tal-aċċess għall-atti huwa deċiż matul il-proċedura preliminari kif ukoll wara l-għeluq definittiv tal-proċedura mill-prosekutur pubbliku u, fil-każijiet l-oħra, mill-imħallef presedenti tal-qorti li quddiem titressaq il-kawża. Skont is-subparagrafi (2) sa (4) tal-Artikolu 161a(3) il-qorti kompetenti tista' tintalab tadotta deċiżjoni ġudizzjarja kontra d-deċiżjoni tal-prosekutur pubbliku imsemmija fl-ewwel frażi. [...] Dawn id-deċiżjonijiet ma humiex immotivati, sa fejn it-twettiq tal-għan tal-investigazzjoni jista' jiġi mhedded bl-iżvelar tagħhom.

(5) Taħt il-kundizzjonijiet previsti fis-subparagrafu (1), informazzjoni u kopji tal-atti jistgħu jiġu pprovduti lill-vittma;

[...]"

8 L-Artikolu 46 tal-Liġi dwar ir-reati amministrattivi (Gesetz über Ordnungswidrigkeiten), fil-verżjoni tagħha tad-19 ta' Frar 1987 (BGBl. 1987 I, p. 602), emendat l-aħħar permezz tal-Artikolu 2 tal-liġi tad-29 ta' Lulju 2009 (BGBl.2009 I, p. 2353, iktar 'il quddiem l-"OwiG"), jipprevedi:

"(1) Salv kif provdut xort'oħra f'din il-liġi, id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet ġenerali dwar il-proċedura kriminali, jiġifieri l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni Ġudizzjarja [(Gerichtsverfassungsgesetz)] u l-Liġi dwar il-Qrati tal-Minorenni [(Jugendgerichtsgesetz)] japplikaw għall-proċedura ta' impożizzjoni ta' multa.

[...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

9 Fil-21 ta' Jannar 2008, il-Bundeskartellamt imponiet, skont l-Artikolu 81 KE, multi li jammontaw għal EUR 62 miljun fuq tliet produtturi Ewropej ta' karti dekorattivi u fuq ħames persuni fiżiċi personalment responsabili, minħabba l-konklużjoni ta' ftehim fuq il-prezzijiet u fuq l-għeluq ta' kapaċitajiet. L-impriżi kkonċernati ma appellawx u d-deċiżjonijiet li jimponu dawn il-multi saru finali.

10 Wara din il-proċedura, fis-26 ta' Frar 2008, Pfleiderer talbet lill-Bundeskartellamt tagħtiha aċċess sħiħ għall-fajl dwar il-proċedura ta' impożizzjoni ta' multa fis-settur tal-karti dekorattivi, sabiex tipprepara azzjonijiet għad-danni. Din l-impriża tixtri karti dekorattivi u b'mod iktar speċifiku karti speċjali għat-trattament tal-wiċċ ta' injam sintetiku. Pfleiderer hija waħda mit-tliet produtturi ewlenin fid-dinja ta' injam sintetiku, ta' prodotti b'kisja lesta u ta' art tal-fuljetti. Hija indikat li tul l-aħħar tliet snin hija kienet xtrat oġġetti b'valur ta' iżjed minn EUR 60 miljun mingħand il-produtturi ta' karti dekorattivi li kienu ġew issanzjonati.

11 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Mejju 2008, il-Bundeskartellamt wieġbet għat-talba għal aċċess għall-fajl billi bagħtet tliet deċiżjonijiet li jimponu multi taħt forma anonima, kif ukoll lista tal-provi miġbura waqt it-tfittxija.

12 Permezz ta' tieni ittra Pfleiderer espressament talbet lill-Bundeskartellamt l-aċċess għad-dokumenti kollha tal-fajl, inklużi d-dokumenti dwar l-applikazzjonijiet għal klemenza, mogħtija volontarjament mill-kandidati, u l-provi maqbuda. B'ittra tal-14 ta' Ottubru 2008 il-Bundeskartellamt ċaħdet parzjalment din it-talba u limitat l-aċċess għall-fajl għal verżjoni li minnha kienu tneħħew informazzjoni

kummerċjali kunfidenzjali, dokumenti interni u dokumenti koperti mill-punt 22 tal-Kommunikazzjoni tal-Bundeskartellamt dwar il-klemenza u reġgħet irrifjutat l-aċċess għall-provi li kienu ġew maqbuda.

13 Għaldaqstant Pfleiderer ippreżentat quddiem l-Amtsgericht Bonn rikors kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda parzjali, skont l-Artikolu 62(1) tal-OWiG.

14 Fit-3 ta' Frar 2009, l-Amtsgericht Bonn, tat deċiżjoni li permezz tagħha ordnat lill-Bundeskartellamt tagħti lil Pfleiderer l-aċċess għall-fajl, permezz tal-avukat tagħha, skont id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 406e(1), tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali u l-Artikolu 46(1) tal-OWiG. Skont l-Amtsgericht Bonn, Pfleiderer hija "vittima" fil-kuntest ta' dawn id-dispożizzjonijiet, peress li hemm lok li jiġi preżunt li, minħabba l-ftehim tal-akkordju, din ħallset prezz għoli wisq għall-prodotti mixtrija mingħand il-membri tal-akkordju. Barra minn hekk, Pfleiderer kellha "interess leġittimu" sabiex tikseb l-aċċess għad-dokumenti, peress li dawn kellhom jintużaw għat-tħejjija ta' proċeduri ċivili għad-danni.

15 Għaldaqstant l-Amtsgericht Bonn ordnat l-aċċess għall-elementi tal-fajl li l-applikant għall-klemenza volontarjament poġġa għad-dispożizzjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni Ġermaniża skont l-Artikolu 22 tal-Kommunikazzjoni tal-Bundeskartellamt dwar il-klemenza, kif ukoll għall-materjal inkriminanti u għall-provi miġburin. Fir-rigward tal-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali kif ukoll tad-dokumenti interni, jiġifieri n-noti dwar diskussjonijiet legali tal-Bundeskartellamt u l-korrispondenza fil-kuntest tan-Network Ewropew tal-Kompetizzjoni (iktar 'il quddiem in-"NEK") l-aċċess għalihom kien ristrett. Skont l-Amtsgericht Bonn, id-diversi interessi kellhom jiġu bbilanċjati sabiex tiġi stabbilita l-portata ta' dan id-dritt, li huwa limitat għad-dokumenti neċessarji sabiex jiġi ssostanzjat id-dritt għad-danni.

16 Minn naħa, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kienet ġiet madankollu sospiża minn din l-istess qorti.

17 Min-naħa l-oħra, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta wkoll li l-Amtsgericht Bonn tixtieq tadotta deċiżjoni identika għal dik tat-3 ta' Frar 2009. Madankollu, din il-qorti tosserva li d-deċiżjoni li hija tkun imwassla tieħu tista' tkun li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 10 KE u l-Artikolu 3(1)(g) KE kif ukoll l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament Nru 1/2003, li jipprevedu kooperazzjoni mill-qrib kif ukoll skambju reċiproku ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri fil-proċeduri għall-implementazzjoni tal-Artikoli 81 KE u 82 KE. Biex jiġu żgurati l-effikaċja u l-funzjonament tajjeb ta' dawn id-dispożizzjonijiet li huma ta' importanza kruċjali għan-NEK u għall-applikazzjoni ddeċentralizzata tad-dritt tal-kompetizzjoni, jista' jkun neċessarju, fil-kuntest ta' proċeduri ta' impożizzjoni ta' multa fil-qasam ta' akkordji, li terzi ma jitħallewx ikollhom aċċess għall-applikazzjonijiet għal klemenza u għad-dokumenti mogħtija volontarjament mill-applikanti għall-klemenza

18 Peress li kkunsidrat li s-soluzzjoni tal-kawża quddiemha teħtieġ interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, l-Amtsgericht Bonn iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju fil-qasam tal-akkordji, b'mod partikolari l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll id-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 10 flimkien mal-Artikolu 3(1)(ġ) KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-partijiet leżi b'akkordju ma għandhomx, fil-każ fejn jinvokaw talbiet skont id-dritt ċivili, jingħataw aċċess għall-applikazzjonijiet ta' [għal] klemenza u għall-informazzjoni u dokumenti li ġew innotifikati volontarjament f'dan il-kuntest minn kandidati [applikanti] għal klemenza lill-awtorità ta' kompetizzjoni ta' Stat Membru, skont programm nazzjonali ta' klemenza fil-kuntest ta' proċedura ta' multa maħsuba (wkoll) għall-osservanza tal-Artikolu 81 KE?"

**Fuq id-domanda preliminari**

19 Għandu jiġi mfakkar, preliminarjament, li l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u l-qrati tagħhom huma obbligati li japplikaw l-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE, meta l-fatti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li jiżguraw l-implementazzjoni effettiva tagħhom fl-interess pubbliku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2010, VEBIC, C-439/08, li Ġabra p. I-12471, punt 56).

20 Hemm lok ukoll, li jiġi kkonstatat, li la d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-kompetizzjoni u lanqas ir-Regolament Nru 1/2003 ma jipprevedu regoli komuni ta' klemenza jew regoli komuni dwar id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti relatati ma' proċedura ta' klemenza mogħtija volontarjament lil awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni skont programm nazzjonali ta' klemenza.

21 Fir-rigward tal-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, waħda dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-netwerk tal-awtoritajiet tal kompetizzjoni (ĠU 2004, C 101, p. 43) u l-oħra dwar l-immunità minn multi u t-tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 2006, C 298, p. 17), għandu jiġi osservat li dawn ma humiex vinkolanti fir-rigward tal-Istati Membri. Barra minn hekk, din il-komunikazzjoni tal-aħħar tirrigwarda biss programmi ta' klemenza implementati mill Kummissjoni stess.

22 Fil-kuntest tan-NEK, programm mudell fil-qasam tal-klemenza, intiż għall-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tal-programmi nazzjonali f'dan il-qasam, kien ġie wkoll żviluppat u adottat matul is-sena 2006. Madankollu lanqas, dan il-programm mudell ma għandu effett vinkolanti fir-rigward tal-qrati tal-Istati Membri.

23 Għaldaqstant, anki jekk il-linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni jistgħu jaffettwaw il-prattika tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu u japplikaw ir-regoli nazzjonali dwar id-dritt ta' aċċess ta' persuni leżi minn akkordju għad-dokumenti relatati ma proċeduri ta' klemenza.

24 Madankollu, għalkemm l-istabbiliment u l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, huma għandhom jeżerċitaw din il-kompetenza b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, tat-12 ta' Novembru 2009 Il-Kummissjoni vs Spanja, C-154/08, punt 121 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'mod partikolari, huma ma jistgħux jirrendu impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 1998, Oelmühle u Schmidt Söhne, C-298/96, Ġabra p. I-4767, punti 23 u 24 u l-ġurisprudenza ċċitata) u, speċifikament, fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, huma għandhom jiżguraw li r-regoli huma jistabbilixxu jew li huma japplikaw ma jippreġudikawx l-applikazzjoni effettiva tal-Artikoli 101 TFUE u 102 tat-TFUE (ara, f'dan is-sens, VEBIC, iċċitata iktar 'il fuq, punt 57).

25 Issa, kif sostnew il-Kummissjoni u l-Istati Membri li ppreżentaw osservazzjonijiet il-programmi ta' klemenza jikkostitwixxu għodod utli fil-ġlieda effikaċi biex jinkixef u jintemm il-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u jservu, għaldaqstant, l-għan tal-applikazzjoni effettiva tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE.

26 L-effettività ta' dawn il-programmi tista', madankollu, tiġi, affettwata mill-għoti ta' dokumenti relatati ma' proċedura ta' klemenza lill-persuni li jixtiequ jibdew azzjoni għad-danni, anki jekk l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jagħtu lill-applikant għall-klemenza eżenzjoni totali jew parzjali mill-multa li huma setgħu jimponu.

27 Fil-fatt, jidher li huwa raġonevoli li jiġi kkunsidrat li persuna involuta fi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, quddiem il-possibbiltà ta' tali komunikazzjoni, tkun skoraġġuta milli tuża l-opportunità offruta minn tali programmi ta' klemenza, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li l-informazzjoni pprovduta volontarjament minn dik il-persuna tista' tiġi skambjata bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament Nru 1/2003.

28 Hija madankollu ġurisprudenza stabbilita li kull persuna hija intitolata titlob kumpens għad-dannu kkaġunat lilha minn imġieba li tista' tirrestringi jew tikkawża distorsjoni lill-kompetizzjoni (ara s-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2001, Courage u Crehan, C-453/99, Ġabra p. I-6297, punti 24 u 26, kif ukoll tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et*, C-295/04 sa C 298/04, Ġabra p. I-6619, punti 59 u 61).

29 Fil-fatt, dritt bħal dan isaħħaħ in-natura operattiva tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u huwa ta' natura li jiskoraġġixxi l-ftehim jew il-prattiki, ħafna drabi moħbija, li jistgħu jirrestrinġu jew jikkawżaw distorsjoni lill-kompetizzjoni. Fid-dawl ta' dan, l-azzjonijiet għad-danni quddiem il-qrati nazzjonali, jistgħu jikkontribwixxu sostanzjalment għaż-żamma ta' kompetizzjoni effettiva fl-Unjoni Ewropea (ara s-sentenza Courage u Crehan, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

30 Għalhekk, fl-eżami ta' talba għal aċċess għad-dokumenti relatati ma' programm ta' klemenza mressqa minn persuna li tfittex li tikseb danni minn persuna oħra li tkun ibbenefikat minn tali programm, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li r-regoli nazzjonali ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw talbiet simili ta' natura interna u ma jkunux ifformulati b'mod li jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli li jinkiseb tali kumpens (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Courage u Crehan, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29) u li jiġu bbilanċjati l-interessi li jiġġustifikaw l-għoti ta' informazzjoni u l-protezzjoni ta' dik l-informazzjoni pprovduta b'mod volontarju mill-applikant għall-klemenza.

31 Ibbilanċjar bħal dan jista' jsir mill-qrati nazzjonali biss fuq bażi ta' każ b'każ, fil-kuntest tad-dritt nazzjonali, u billi jiġu kkunsidrati l-elementi kollha rilevanti tal-kawża.

32 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-akkordji, u b'mod partikolari r-Regolament Nru 1/2003 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux li persuna leża minn ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u li tfittex li tikseb danni, tikseb l-aċċess għad-dokumenti relatati ma' proċedura ta' klemenza li tikkonċerna l-awtur ta' dan il-ksur. Madankollu, huma l-qrati tal-Istati Membri, fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali tagħhom, li għandhom jiddeterminaw il-kundizzjonijiet li fihom tali aċċess għandu jingħata jew jiġi rrifjutat billi jibbilanċjaw l-interessi protetti mid-dritt tal-Unjoni.

**Fuq l-ispejjeż**

33 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-akkordji, u b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn**

**ma jipprekludux li persuna, leża minn ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u li tfittex li tikseb danni, tikseb l-aċċess għad-dokumenti relatati ma' proċedura ta' klemenza li tikkonċerna l-awtur ta' dan il-ksur. Madankollu, huma l-qrati tal-Istati Membri, fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali tagħhom, li għandhom jiddeterminaw il-kundizzjonijiet li fihom tali aċċess għandu jingħata jew jiġi rrifjutat billi jibbilanċjaw l-interessi protetti mid-dritt tal-Unjoni.**

Firem